Wieħed jinnota b' interess li qabel bdiet is-sistema li jingħataw ismijiet lit-toroq tagħna l-inħawi kellhom il-laqam ta' kif kienu magħrufa. Dan wieħed jista' jaraħ billi fl-imgħoddi, il-kappillani, darba fis-sena, kienu jagħmlu ċensiment ta' l-erwieħ taħt il-kura tagħhom, u jduru l-parruċċani bieb bieb. It-tagħrif miġbur, jissejjaħ *Status Animarum* (l-istat ta' l-erwieħ). F'Bormla, sas-seklu sbatax, ma kienx għad hemm ismijiet tat-toroq, iżda kienu bil-laqam; hawn se nsemmu ftit tagħrif dwarhom.

Kien hemm inħawi Tal-Knisja u nħawi msejħin la Platea, fix-Xatt. It-triq ewlenija kienet dik Tal-Ġiebja. Bla dubju, l-inħawi ta' Santa Tereża u ta' Santa Margerita kienu ġa magħrufa. Ismijiet li għadhom jeżistu huma dwar il-Wied ta' Santa Liena, dik ta' Bongiorno u dik ta' Srejdek.

Il-Mandraġġ kien jinfirex qrib il-bieb ta' l-Isla, kif ukoll lejn l-inħawi ta' San Pawl. Kien hemm inħawi lejn It-Torri, kif ukoll lejn L-Imtieħen. Naħa oħra kienet magħrufa għall-Ġnien (Il-Giardino). Xi toroq kienu magħrufin għal xi familji, bħal dik Ta' Gafa, jew Ta' Cordina. Toroq jew inħawi oħra kienu dawk Ta' Karletti, Ta' Natale u Spezjale. Kien hemm inħawi bi kwartier magħruf Ta' Kanali, u post ieħor imsejjaħ Ta' Gantnella.

Ta' min jgħid li fil-bidu tas-seklu tmintax, bħal fl-1712, il-popolazzjoni kienet 3876 waqt li n-numru ta' djar ġa kien kiber għal madwar 1,000.

Iżda fis-seklu tmintax il-popolazzjoni f'Bormla tant żdiedet, li l-Gran Mastru ordna li ma jidħlux aktar nies jabitaw hemm. Dan kien jiġri għaliex ħafna kienu jinżlu joqogħdu fl-inħawi qrib Il-Port fejn kienu jistgħu jaqalgħu x'jieklu bix-xogħol.